# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 298/2009

## tat-8 ta' April 2009

## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 474/2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Diċembru 2005 dwar l-istabbiliment ta' lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma suġġetti għal projbizzjoni ta' operar fil-Komunità u li jinforma lill-passiġġieri tat-trasport bl-ajru dwar l-identità tal-kumpanija tal-ajru li topera, u li jħassar l-Artikolu 9 tad-Direttiva 2004/36/KE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 stabbilixxa l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 ([2]).

(2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005, uħud mill-Istati Membri kkomunikaw lill-Kummissjoni tagħrif li huwa rilevanti fil-kuntest tal-aġġornar tal-lista Komunitarja. Ġie kkomunikat ukoll tagħrif rilevanti minn pajjiżi terzi. Abbażi ta' dan, il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata.

(3) Il-Kummissjoni għarrfet lit-trasportaturi bl-ajru kollha konċernati direttament jew, fejn dan ma kienx possibbli, permezz tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, u indikat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li għandhom jiffurmaw il-bażi għal deċiżjoni biex tkun imposta fuqhom projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità, jew biex jinbidlu l-kundizzjonijiet tal-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq trasportatur bl-ajru li huwa inkluż fil-lista Komunitarja.

(4) Il-Kummissjoni tat l-opportunità lit-trasportaturi bl-ajru konċernati biex jikkonsultaw id-dokumenti pprovduti mill-Istati Membri, iressqu kummenti bil-miktub u jagħmlu preżentazzjonijiet orali lill-Kumissjoni fi żmien għaxart ijiem tax-xogħol u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru stabbilit bir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili ([3]).

(5) L-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tat-trasportaturi bl-ajru konċernati ġew ikkonsultati mill-Kummissjoni kif ukoll, f'każijiet speċifiċi, minn uħud mill-Istati Membri.

(6) Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 għandu għalhekk jiġi emendat skont dan.

### Trasportaturi Komunitarji

(7) Wara tagħrif li rriżulta minn spezzjonijiet fir-rampa li twettqu mis-SAFA fuq inġenji tal-ajru ta' ċerti trasportaturi bl-ajru Komunitarji, kif ukoll minn ċerti spezzjonijiet u verifiki ta' oqsma speċifiċi mwettqa mill-awtoritajiet nazzjonali tal-avjazzjoni tagħhom, uħud mill-Istati Membri implimentaw ċerti miżuri ta' infurzar. Huma għarrfu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru dwar dawn il-miżuri: l-awtoritajiet kompetenti tal-isvezja rrevokaw iċ-Ċertifikat tat-Trasportaturi bl-Ajru ("Air Operator Certificate", AOC) tat-trasportatur Nordic Regional u ssospendew dawk tat-trasportaturi Fly Excellent u Aero Syncro; l-awtoritajiet kompetenti ta' Spanja rrevokaw l-AOC tat-trasportatur Bravo Airlines u l-liċenzja tal-operat tiegħu; l-awtoritajiet kompetenti tal-Portugall neħħew is-sospensjoni tal-AOC tat-trasportatur Luzair fit-22 ta' Jannar 2009 wara li vverifikaw li l-azzjonijiet korrettivi ntemmu b'suċċess mit-trasportatur; l-awtoritajiet kompetenti tal-Greċja neħħew is-sospensjoni tal-AOC tat-trasportatur Hellenic Imperial Airways fit-18 ta' Diċembru 2008 wara li vverifikaw li l-azzjonijiet korrettivi ntemmu b'suċċess mit-trasportatur u fit-28 ta' Jannar 2009 ssospendew l-AOC tat-trasportatur Euroair Ltd wara talba minn dan it-trasportatur u s-sospensjoni tal-approvazzjoni tat-trasportatur mill-organizzazzjoni għall-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa.

### Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Każakstan

*Starline KZ*

(8) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji ta' sikurezza min-naħa ta' Starline KZ iċċertifikat fil-Każakstan. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Bulgarija kif ukoll minn stati oħrajn tal-ECAC waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqin skont il-Programm tas-SAFA ([4]). Ir-repetizzjoni ta' dawn in-nuqqasijiet ta' konformità turi nuqqasijiet sistematiċi tas-sikurezza fil-qasam tal-operat u tal-manutenzjoni.

([1]) ĠU L 344, 27.12.2005, p. 15.
([2]) ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.
([3]) ĠU L 373, 31.12.1991, p. 4.
([4]) DGCATR-2007-357, DGCATR-2007-359, DGCATR-2008-166, BUL-2008-8, BUL-2008-9.

(9) Starline KZ ma tax tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Bulgarija dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu u b'hekk wera nuqqas ta' komunikazzjoni, kif muri min-nuqqas ta' tweġiba adegwata għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru. Starline KZ wera nuqqas ta' ħila li jindirizza dawn in-nuqqasijiet ta' sikurezza, li għadhom ma ssolvewx.

(10) Il-Kummissjoni, wara li qieset in-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, fis-27 ta' Jannar 2009 bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat ta' Starline KZ u li fiha talbet għal kjarifiki rigward l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mit-trasportatur biex iwieġbu għal dawn in-nuqqasijiet skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(11) Dawn l-awtoritajiet ma tawx tweġiba adegwata u f'waqtha għal inkjesta mill-Kummissjoni rigward is-sorveljanza tas-sikurezza ta' Starline KZ, minħabba li sad-data stipulata l-Kummissjoni ma rċevietx it-tagħrif mitlub, b'mod partikolari l-AOC tat-trasportatur flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet, ir-rekwiżiti u r-restrizzjonijiet kompluti tal-operat mehmużin miegħu.

(12) Starline KZ talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009. Madankollu s-smigħ ma pprovdiex biżżejjed evidenza tat-tmiem sodisfaċenti tal-azzjonijiet ta' rimedju. Waqt is-smigħ, l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ressqu quddiem il-Kummissjoni d-deċiżjoni tagħhom tal-4 ta' Frar 2009 li jirrestrinġu l-operat ta' Starline KZ għaż-żona 'l barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew.

(13) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li Starline KZ ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*East Wing*

(14) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tal-East Wing iċċertifikat fil-Każakstan. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza u mir-Rumanija waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA [1]. Ir-repetizzjoni ta' dawn is-sejbiet fl-ispezzjonijiet turi nuqqasijiet sistematiċi tas-sikurezza.

(15) L-East Wing ma tax tweġiba adegwata għall-inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza rigward l-aspett ta' sikurezza tal-operat tiegħu u b'hekk wera nuqqas ta' komunikazzjoni, kif muri min-nuqqas ta' tweġiba adegwata għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru. East Wing wera nuqqas ta' ħila biex jindirizza dawn in-nuqqasijiet ta' sikurezza, li għadhom ma ssolvewx.

(16) Il-Kummissjoni, wara li qieset in-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tal-East Wings u talbet għal kjarifiki rigward l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mit-trasportatur biex iwieġbu għal dawn in-nuqqasijiet.

(17) Teżisti evidenza li l-East Wing ħa f'idejh l-operat tat-trasportatur bl-ajru GST Aero, trasportatur bl-ajru li tpoġġa fl-Anness A fit-22 ta' Marzu 2006 [2] u li tneħħa wara li l-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għarrfu lill-Kummissjoni dwar it-tneħħija tal-AOC f'Marzu 2007 [3].

(18) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan avżaw li fl-4 ta' Frar 2009 rrestrinġew l-operat tal-East Wing għaż-żona 'l barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew. Dawn l-awtoritajiet, madankollu, ma tawx tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-Kummissjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tal-East Wing, u b'hekk naqsu milli jipprovdu evidenza xierqa dwar l-AOC tat-trasportatur flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet, ir-rekwiżiti u r-restrizzjonijiet kompluti tal-operat mehmużin miegħu.

(19) L-East Wing talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009. Madankollu, is-smigħ ma pprovdiex biżżejjed evidenza tat-tmiem sodisfaċenti tal-azzjonijiet ta' rimedju u żvela li t-trasportatur mhux konxju mil-limitazzjonijiet għall-operat tiegħu fl-ispazju tal-ajru Ewropew. Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-East Wing ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*ATMA Airlines*

(20) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tal-ATMA Airlines iċċertifikat fil-Każakstan. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Ġermanja, in-Norveġja u t-Turkija waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA [4]. Ir-repetizzjoni ta' dawn is-sejbiet fl-ispezzjonijiet turi nuqqasijiet sistematiċi tas-sikurezza.

(21) ATMA Airlines ma tax tweġiba adegwata għall-inkjesta mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili tal-Ġermanja u tan-Norveġja dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu u b'hekk wera nuqqas ta' komunikazzjoni, kif muri min-nuqqas ta' tweġiba adegwata għall-korrispondenza minn dawn l-Istati. L-ATMA Airlines wera nuqqas ta' ħila li jindirizza dawn in-nuqqasijiet tas-sikurezza, li għadhom ma ssolvewx.

[1] DGAC/F-2007-2509, RCAARO-2008-36, RCAARO-2008-54.

[2] L-inċiżi (38) sa (43) tar-Regolament (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006, ĠU L 84, 23.3.2006, p. 14.

[3] L-inċiż (17) tar-Regolament (KE) Nru 235/2007 tal-5 ta' Marzu 2007, ĠU L 66, 6.3.2007, p. 3.

[4] LBA/D-2008-13, CAA-N-2007-137, DGCATR-2008-25.

(22) Il-Kummissjoni, wara li qieset in-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, ki fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tal-ATMA Airlines u li fiha talbet għal kjarifiki rigward l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti kif ukoll mit-trasportatur biex iwieġbu għal dawn in-nuqqasijiet.

(23) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan avżaw li fl-4 ta' Frar 2009 rrestrinġew l-operazzjonijiet tal-ATMA Airlines għaż-żona 'l barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew. Madankollu, dawn l-awtoritajiet ma tawx tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-Kummissjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tal-ATMA Airlines, u b'hekk naqsu milli jipprovdu evidenza xierqa dwar l-AOC tat-trasportatur flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet, ir-rekwiżiti u r-restrizzjonijiet kompluti tal-operat mehmużin miegħu.

(24) L-ATMA Airlines talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009. Madankollu s-smigħ ma pprovdiex biżżejjed evidenza tat-tmiem sodisfaċenti tal-azzjonijiet ta' rimedju.

(25) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-ATMA Airlines ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*Berkut Air*

(26) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tal-Berkut Air iċċertifikat fil-Każakstan. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza u r-Rumanija waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([1]). Ir-repetizzjoni ta' dawn is-sejbiet fl-ispezzjonijiet turi nuqqasijiet sistematiċi tas-sikurezza.

(27) Il-Berkut Air ma tax tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tar-Rumanija dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu u b'hekk wera nuqqas ta' komunikazzjoni, kif muri min-nuqqas ta' tweġiba adegwata għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru. Il-Berkut Air wera nuqqas ta' ħila li jindirizza dawn in-nuqqasijiet tas-sikurezza, li għadhom ma ssolvewx.

(28) Il-Kummissjoni, wara li qieset in-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tal-Berkur Air u li fiha talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti biex iwieġbu għal dawn in-nuqqasijiet.

(29) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan avżaw li fi Frar 2009 ssospendew l-AOC tal-BEK Air, li qabel kien magħruf bħala l-Berkut Air. Madankollu, dawn l-awtoritajiet ma tawx tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-Kummissjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tal-Berkut Air, minħabba li naqsu milli jipprovdu d-dokumentazzjoni mitluba u kif muri bin-nuqqas ta' komunikazzjoni ta' evidenza dokumentarja dwar l-azzjonijiet ta' infurzar imwettqa.

(30) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-Berkut Air ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*Air Company Kokshetau*

(31) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tal-Air Company Kokshetau ċċertifikat fil-Każakstan. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati mill-Italja waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([2]). Dawn in-nuqqasijiet jikkonċernaw inġenji tal-ajru tat-tip IL-62 li mhumiex mgħammra b'TAWS (E-GPWS), li mhumiex mgħammra b'ċinturin tas-sigurtà, li mhumiex mgħammra b'maskri tal-ossiġnu li jintlibsu malajr għal titjiriet 'il fuq minn FL 250 u li mhumiex mgħammra b'sistema xierqa għat-tidwil tal-passaġġ tal-evakwazzjoni.

(32) L-Air Company Kokshetau ma tax tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tal-Italja dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu u b'hekk wera nuqqas ta' komunikazzjoni, kif muri min-nuqqas ta' tweġiba adegwata għall-korrispondenza minn dan l-Istat Membru. L-Air Company Kokshetau wera nuqqas ta' ħila li jindirizza dawn in-nuqqasijiet tas-sikurezza, li għadhom ma ssolvewx.

(33) Il-Kummissjoni, wara li qieset in-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tal-Air Company Kokshetau u ki fiha talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti biex iwieġbu għal dawn in-nuqqasijiet.

(34) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għarrfu lill-Kummissjoni li fit-13 ta' Frar 2009 ddeċidew li jneħħu l-inġenji tal-ajru tat-tip IL-62M bin-numri tas-serje 1138234 u 1748445 mill-AOC tal-Air Company Kokshetau, u li kien beħsiebhom jirtiraw ukoll l-AOC ta' dan it-trasportatur mill-24 ta' Marzu 'l quddiem minħabba li falla. Madankollu, dawn l-awtoritajiet ma tawx tweġiba adegwata għall-inkjesta mill-Kummissjoni dwar il-komunikazzjoni ta' evidenza dokumentarja dwar ir-revoka tal-AOC.

([1]) RCAARO-2008-35, RCAARO-2008-37, RCAARO-2008-75.

([2]) ENAC-IT-2007-785.

(35) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-Air Company Kokshetau ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*Sayat Air*

(36) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tas-Sayat Air iċċertifikat fil-Każakstan. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn stat tal-ECAC waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([1]). Dawn in-nuqqasijiet jikkonċernaw inġenji tal-ajru tat-tip IL-62 li mhumiex mgħammra a) b'TAWS (E-GPWS), b) b'maskri tal-ossiġnu għall-ekwipaġġ li jintlibsu malajr, c) b'tagħmir għat-tagħwim, u d) b'sistema xierqa għat-tidwil tal-passaġġ tal-evakwazzjoni. Barra minn hekk, l-inġenju tal-ajru tħaddem mingħajr ma kellu listi ta' kontroll tal-emerġenza abbord, b'bażi taddejta tan-navigazzjoni (NAV) li kienet ilha skaduta iktar minn sentejn u mingħajr rilaxx tal-manutenzjoni abbord.

(37) Is-Sayat Air wera nuqqas ta' ħila li jindirizza dawn in-nuqqasijiet tas-sikurezza, li għadhom ma ssolvewx.

(38) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ma tawx tweġiba adegwata u f'waqtha għall-inkjesta mill-Kummissjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tas-Sayat Air, u b'hekk urew nuqqas ta' komunikazzjoni, kif muri min-nuqqas ta' tweġiba adegwata għall-korrispondenza mill-Kummissjoni, b'mod partikolari dwar il-komunikazzjoni tal-AOC tat-trasportatur flimkien mal-ispeċifikazzjonijiet, ir-rekwiżiti u r-restrizzjonijiet kompluti tal-operat mehmużin miegħu.

(39) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ma wrewx li jwettqu sorveljanza xierqa ta' dan it-trasportatur skont l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago.

(40) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li s-Sayat Air ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza u li għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*Scat*

(41) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa ta' Scat iċċertifikat fil-Każakstan. B'mod partikolari, l-inġenju tal-ajru tat-tip Yak-42 bil-marki tar-reġistrazzjoni UP-Y4205 mhuwiex mgħammar bit-TAWS (E-GPWS) kif meħtieġ mid-dispożizzjonijiet tal-ICAO. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn stat tal-ECAC waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([2]).

(42) Il-Kummissjoni, wara li qieset in-nuqqasijiet imsemmija hawn fuq, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat ta' Scat u li fiha talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti biex iwieġbu għal dawn in-nuqqasijiet.

(43) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ipprovdew evidenza li l-inġenju tal-ajru tat-tip Yak-42 bil-marki tar-reġistrazzjoni UP-4205 tneħħa mir-reġistru.

(44) Scat talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u, waqt is-smigħ tiegħu fl-24 ta' Marzu 2009, ikkonferma li dan l-inġenju tal-ajru ma kienx għadu qed jopera.

(45) Fid-dawl ta' dan, il-Kummissjoni tqis li mhija meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri fir-rigward ta' dan it-trasportatur.

*Is-sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Każakstan*

(46) Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan għall-fatt li l-monitoraġġ tal-prestazzjoni ta' għadd ta' trasportaturi bl-ajru oħra liċenzjati fil-Każakstan fl-ispezzjonijiet fir-rampa għadu qed juri riżultati li jħassbu. L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ġew mistiedna jipprovdu kjarifiki u jieħdu l-miżuri meħtieġa, fejn xieraq.

(47) L-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan ikkomunikaw sensiela ta' mizuri ta' infurzar li ttieħdu fuq għadd ta' trasportaturi Każakki. Dawn l-awtoritajiet avżaw b'mod partikolari li fl-4 ta' Frar 2009 rrestrinġew l-operat tal-Investavia, Skybus u Aytirau Aye Zholy għaż-żona 'l barra mill-ispazju tal-ajru Ewropew. Il-Kummissjoni se tniedi konsultazzjonijiet urġenti mal-awtoritajiet Każakki u se tibda l-proċedura pprovduta fl-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 b'rabta ma' dawn it-trasportaturi.

(48) Il-Kummissjoni titlob bis-sħiħ lill-awtoritajiet kompetenti tal-Każakstan biex iżidu l-isforzi tagħhom biex jirriformaw is-sistema tal-avjazzjoni ċivili u jsaħħu s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi kollha ċċertifikati f'dan il-pajjiż. Il-Kummissjoni se tkompli l-konsultazzjonijiet ma' dawn l-awtoritajiet biex tevalwa l-qagħda tat-trasportaturi Każakki u hija lesta tivvaluta, flimkien mal-Istati Membri, kull evidenza pprovduta f'waqtha f'dan ir-rigward.

**Orient Thai Airlines u One Two Go Airlines**

(49) Wara l-inċident tat-titjira tal-One Two Go bin-numru OG 269 fis-16 ta' Settembru 2007 f'Phuket, li wassal għat-telf totali tal-inġenju tal-ajru tat-tip MD80 u għal 90 fatalità, inklużi ħafna passiġġieri Ewropej, il-Kummissjoni bdiet il-konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti Tajlandiżi li huma responsabbli għas-sorveljanza tas-sikurezza ta' dan it-trasportatur.

([1]) SDAT-2007-36.
([2]) GDCA-2008-10.

(50) Fil-5 ta' Marzu 2009, il-Kummissjoni baghtet ittra lil dawn it-trasportaturi skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005.

(51) L-awtoritajiet kompetenti tat-Tajlandja (id-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili Tajlandiż – id-DCA Tajlandiż) għarrfu lill-Kummissjoni li l-investigazzjonijiet li saru wara l-inċident żvelaw li kemm l-Orient Thai kif ukoll il-kumpanija sussidjarja tagħha One Two Go kisru l-liġi dwar in-navigazzjoni fl-ajru, b'mod partikolari billi ffalsifikaw il-Kontrolli dwar il-Profiċjenza tal-Piloti ta' disa' piloti tat-trasportaturi. Konsegwentement, id-DCA Tajlandiż waqqaf l-operat tal-MD-80 tal-One Two Go u tal-Orient Thai u talab lil dawn it-trasportaturi jwettqu sensiela ta' azzjonijiet korrettivi.

(52) Id-DCA Tajlandiż għarraf ukoll lill-Kummissjoni li fil-25 ta' Novembru 2008 ddeċieda li jattiva mill-ġdid l-AOC tal-One Two Go. Il-kumpanija ewlenija tiegħu, l-Orient Thai, diġà kienet ġiet awtorizzata biex terġa' tibda l-operat tagħha bl-inġenju tal-ajru tat-tip MD-80 mis-7 ta' Ottubru 2008 'l quddiem.

(53) Mill-10 sat-13 ta' Marzu 2009, tim ta' esperti Ewropej wettaq żjara ta' tfittxija għall-fatti fir-Renju tat-Tajlandja li kopriet l-oqsma tal-Liċenzji tal-Operat tat-Titjir u tal-Ekwipaġġ tat-Titjir, sabiex jivverifika li t-trasportatturi bl-ajru implimentaw l-azzjonijiet korrettivi maħsuba biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sikurezza identifikati qabel mid-DCA Tajlandiż. It-tim taż-żjara seta' jivvaluta li l-One Two Go ma jwettaq l-ebda operat tal-inġenji tal-ajru. Il-One Two Go huwa responsabbli għall-bejgħ ta' titjiriet li jitħaddmu proprjament mill-Orient Thai taħt ftehim għall-kiri tal-inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ ("wet-lease"), fejn One Two Go huwa l-kerrej u l-Orient Thai huwa sid il-kera. L-Orient Thai jipprovdi lill-One Two Go bl-inġenji tal-ajru, l-ekwipaġġ komplut, il-manutenzjoni u l-assigurazzjoni. Il-personal kollu involut fl-operat tal-Orient Thai f'isem il-One Two Go huwa impjegat mill-Orient Thai.

(54) Ir-rapport taż-żjara ta' tfittxija għall-fatti turi wkoll li sal-lum ittieħdu azzjonijiet korrettivi mit-trasportatur Orient Thai, u li ttieħdu wkoll miżuri mid-DCA Tajlandiż biex jiġu solvuti n-nuqqasijiet tas-sikurezza nnutati qabel. Il-Kummissjoni se timmonitorja mill-qrib il-qagħda tas-sikurezza tal-Orient Thai. Għal dan il-għan, id-DCA Tajlandiż għandu jipprovdi lill-Kummissjoni bit-tagħrif kollu meħtieġ fir-rigward tal-effikaċja ta' dawn il-miżuri, fi żmien perjodu mhux itwal minn xahrejn.

(55) Fid-19 ta' Marzu 2009, id-DCA Tajlandiż għarraf lill-Kummissjoni li l-One Two Go għandu l-ħsieb li huwa stess iwettaq operazzjonijiet tal-ajru minn Lulju 2009 'il quddiem. Madankollu, ir-rapport tat-tim tal-UE juri li d-DCA Tajlandiż lill-One Two Go tah AOC, minkejja l-fatt li ma kienx f'pożizzjoni li jivvaluta kif xieraq il-ħila tal-kumpanija li twettaq operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru b'mod sikur, minħabba li dan it-trasportatur qatt ma pproduċa d-dokumenti ta' evidenza dettaljati mitluba skont ir-Regolamenti Tajlandiżi li jimplimentaw l-istandards tal-ICAO. Id-DCA Tajlandiż ħabbar ukoll li kien beħsiebu jirrevoka l-AOC ta' One Two Go fid-29 ta' Marzu 2009; madankollu, it-trasportatur għandu jkompli jopera titjiriet skedati mikrija ("chartered") mill-Orient Thai grazzi għal-Liċenzja tiegħu ta' Trasportatur bl-Ajru.

(56) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li t-trasportatur One Two Go ma jissodisfax l-istandards rilevanti tas-sikurezza. Dan it-trasportatur għandu jkun soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat u għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

**Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Benin**

(57) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' ħila tal-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fil-Benin biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sikurezza, kif muri bir-riżulati tal-verifika ta' Benin li twettqet mill-ICAO fil-qafas tal-Programm tal-Verifika Universali tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("Universal Safety Oversight Audit Programme", USOAP) f'Marzu 2007. Din il-verifika rrapportat għadd kbir ta' nuqqasijiet sinifikanti f'dak li għandu x'jaqsam mal-ħila tal-awtoritajiet ċivili tal-avjazzjoni tal-Benin li jwettqu r-responsabbiltajiet tagħhom tas-sorveljanza tas-sikurezza tal-ajru. Meta tlestiet il-verifika tal-ICAO, 80,22 % tal-istandards tal-ICAO ma kinux implimentati. Fir-rigward ta' ċerti elementi kritiċi bħad-dispożizzjoni għal personal tekniku kwalifikat, 'il fuq minn 98 % tal-istandards tal-ICAO ma kinux implimentati b'mod effikaċi. Fir-rigward tar-riżoluzzjoni dwar it-tħassib dwar is-sikurezza, 'il fuq minn 93 % tal-istandards tal-ICAO ma kinux implimentai b'mod effikaċi.

(58) Hemm evidenza tan-nuqqas ta' ħila tal-awtoritajiet kompetenti tal-Benin li jirranġaw b'mod effikaċi s-sejbiet ta' nuqqas ta' konformità li nstabu mill-ICAO, kif muri mill-fatt li, fir-rapport finali tagħha ta' Diċembru 2007, l-ICAO tqis li parti sinifikanti mill-azzjonijiet korrettivi proposti jew implimentati minn dawn l-awtoritajiet fil-fatt ma jindirizzawx in-nuqqasijiet osservati. B'mod partikolari, fil-qasam tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru, 50 % tal-azzjonijiet proposti mill-Benin ma tqisux bħala kompletament aċċettabbli mill-ICAO.

(59) Il-Kummissjoni, wara li qieset ir-rapport finali tal-ICAO, bdiet konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Benin, li fiha esprimiet tħassib serju dwar is-sikurezza tal-operat tat-trasportaturi tal-ajru liċenzjati fil-pajjiż u talbet għal kjarifiki dwar l-azzjonijiet li twettqu mill-awtoritajiet kompetenti tal-Benin biex iwieġbu għas-sejbiet u l-osservazzjonijiet tal-ICAO dwar l-aċċettabbiltà tal-azzjonijiet ta' rimedju.

(60) Waqt is-smigħ quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fil-25 ta' Marzu 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Benin indikaw li l-implimentazzjoni tal-azzjonijiet korrettivi li kienu mistennija jitlestew fl-2008 ġiet fil-verità ddifferita għal Awwissu/Diċembru 2009.

(61) Id-dokumentazzjoni mressqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Benin tipprovdi evidenza li l-AOCs maħruġin għat-trasportaturi ċċertifikati fil-Benin mhumiex konformi mal-istandards tal-ICAO għat-titjiriet internazzjonali, u dan jikkonferma li s-sejbiet tal-ICAO għadhom ma ġewx indirizzati b'mod effikaċi. Analiżi tal-qagħda tal-AOCs u tal-ispeċifikazzjonijiet tal-operat mehmużin magħhom tat-trasportaturi bl-ajru Aero Benin, Africa Airways, Benin Golf Air, Benin Littoral Airways, Cotair, Royal Air u Trans Air Benin jiżvelaw tħassib serju. L-AOC tal-Africa Airways ma ġiex ipprovdut. L-AOCs l-oħra ma jsemmux ir-regolamenti applikabbli użati bħala l-bażi għaċ-ċertifikazzjoni, u l-qasam tal-operazzjonijiet jippermetti operazzjonijiet madwar id-dinja kollha, għal-kemm l-awtoritajiet kompetenti tal-Benin jiddikjaraw li dawn huma limitati għall-Benin u/jew għas-sottoreġjun. Barra minn hekk, l-operazzjonijiet tal-Aero Benin, Benin Golf Air, Benin Littoral Airways, Cotair u Trans Air Benin jidhru li huma limitati għar-regoli tat-titjiriet viżivi ("visual flight rules", VFR), li għalhekk mhumiex adegwati biex joperaw b'mod sikur fl-Ewropa, u ma jinkludux l-awtorizzazzjonijiet speċifiċi RVSM, RNAV u RNP meħtieġa, kif inhu xieraq għan-navigazzjoni fl-ispazju tal-ajru Ewropew. L-awtoritajiet kompetenti tal-Benin indikaw li llimitaw il-validità tal-AOC għal 6 xhur u li beħsiebhom jiċċaraw il-qagħda malajr. Il-Kummissjoni tqis li, sakemm issir iċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid mistennija ta' dawn it-trasportaturi f'konformità sħiħa mal-istandards tal-ICAO, abbażi tal-kriterji komuni, għandhom ikunu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat u għalhekk għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

(62) It-trasportatur Alafia Jet talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru; għalhekk ingħata l-opportunità li jagħmel preżentazzjonijiet orali quddiem il-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru fl-24 ta' Marzu 2009 u bagħat id-dokumentazzjoni bil-miktub rigward l-operazzjonijiet tiegħu. It-trasportatur iddikjara waqt il-preżentazzjoni tiegħu li jopera titjiriet fl-Unjoni Ewropea limitati għal servizzi mediċi ta' emerġenza fuq talba, u pprovda tagħrif dwar sensiela ta' azzjonijiet li wettaq biex iwieġeb għan-nuqqasijiet identifikati minn Franza waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([1]). Madankollu, ir-repetizzjoni ta' nuqqasijiet tas-sikurezza sinifikanti waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa fuq inġenji tal-ajru operati fil-Komunità jindikaw li hemm nuqqasijiet sistematiċi tas-sikurezza li jaffettwaw l-operazzjonijiet ta' dak it-trasportatur. L-azzjonijiet li ttieħdu sal-lum mill-kumpanija ma kellhomx il-ħila jirranġaw dawn in-nuqqasijiet.

(63) Meta jitqies l-għadd kbir u ripetut tan-nuqqasijiet tas-sikurezza nnutati waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa tal-inġenji tal-ajru operati mill-Alafia Jet u n-nuqqas ta' ħila tal-awtoritajiet kompetenti tal-Benin li jeżerċitaw kif xieraq is-sorveljanza tat-trasportaturi ċċertifikati fil-Benin, il-Kummissjoni tqis li t-trasportatur Alafia Jet ma għandux jitħalla jkompli l-operazzjonijiet tiegħu fil-Komunità. Abbażi tal-kriterji komuni, huwa għalhekk ivvalutat li l-Alafia Jet għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

(64) Il-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ l-isforzi mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti tal-Benin biex itejbu s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi tiegħu, u tqis li d-donazzjoni sostanzjali mħabbra mill-Bank Dinji favur ir-Repubblika tal-Benin se twitti t-triq għal progress sostanzjali lejn il-konformità mal-istandards tal-ICAO.

**It-trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Gabon**

*Gabon Airlines*

(65) Minn Lulju 2008 'l quddiem, il-Gabon Airlines tħalla jopera fl-UE bl-inġenju tal-ajru tat-tip Boeing 767-200 bil-marki tar-reġistrazzjoni TR-LHP biss, skont il-kundizzjonijiet mogħtija fl-inċiż (15) tar-Regolament (KE) Nru 715/2008 ([2]).

(66) Minn dak iż-żmien 'l hawn, hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet tas-sikurezza min-naħa tal-Gabon Airlines iċċertifikat fil-Gabon. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-Safa ([3]).

(67) Madankollu l-Gabon Airlines wieġeb b'mod adegwat u f'waqtu għall-inkjesti mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu.

(68) Il-Gabon Airlines talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009. Il-Kummissjoni nnutat li l-Gabon Airlines kien soġġett għall-verifika ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon fi Frar 2009, li żvelat ċerti sejbiet ta' nuqqas ta' konformità, li l-għeluq tagħhom ma ntweriex b'mod sodisfaċenti waqt is-smigħ. L-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon indikaw li l-inġenju tal-ajru bħalissa qed jinżamm l-art għal skopijiet ta' manutenzjoni tal-bażi u li beħsiebhom jivverifikaw l-għeluq sodisfaċenti ta' dawn is-sejbiet qabel ma eventwalment jerġa' jibda jitħaddem l-inġenju tal-ajru bil-marki tar-reġistrazzjoni TR-LHP.

(69) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-Gabon Airlines għandu jibqa' fl-Anness B, u li dan l-Anness għandu jiġi emendat biex jirrifletti l-qagħda tal-inġenju tal-ajru bil-marki tar-reġistrazzjoni TR-LHP u biex jiżgura li l-livell attwali tal-operazzjonijiet fil-Komunità jinżamm.

*Afrijet*

(70) Minn Lulju 2008 'l quddiem, l-Afrijet, iċċertifikat fil-Gabon, tħalla jopera fil-Komunità biss għadd ta' inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 50 bil-marki tar-reġistrazzjoni TR-LGV u TR-LGY kif ukoll bl-inġenju tal-ajru tat-tip Falcon 900 irreġistrat bħala TR-AFJ skont il-kundizzjonijiet mogħtija fl-inċiż (15) tar-Regolament (KE) Nru 715/2008 ([4]).

([1]) DGAC/F-2008-2143, DGAC/F-2009-368, DGAC/F-2009-434, DGAC/F-2009-582.

([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2008 tal-24 ta' Lulju 2008, ĠU L 197, 25.7.2008, p. 36.

([3]) DGAC/F-2008-1757, DGAC/F-2008-2126, DGAC/F-2008-2127, DGAC/F-2008-2451, DGAC/F-2009-140, DGAC/F-2009-161.

([4]) Ir-Regolament (KE) Nru 715/2008 tal-24 ta' Lulju 2008, ĠU L 197, 25.7.2008, p. 36.

(71) Minn dak iż-żmien 'l hawn, hemm evidenza vverifikata dwar nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tal-Afrijet. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([1]).

(72) Madankollu, l-Afrijet wieġeb b'mod adegwat u f'waqtu għall-inkjesti mill-awtoritajiet tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza dwar l-aspett tas-sikurezza tal-operat tiegħu.

(73) Il-Kummissjoni nnutat li f'Jannar 2009 l-Afrijet kien soġġett għal verifika ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon. Wara l-verifika tal-għeluq tas-sejbiet kollha li rriżultaw minn din il-verifika, it-trasportatur reġa' nħariġlu AOC ġdid fi Frar 2009, li jinkludi inġenju ieħor tat-tip Falcon 900 bil-marki tar-reġistrazzjoni TR-AFR.

(74) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-Afrijet għandu jibqa' fl-Anness B, u li dan l-Anness għandu jiġi emendat biex jirrifletti l-bidla tal-AOC u biex jiżgura li l-livell attwali tal-operazzjonijiet fil-Komunità jinżamm.

**Société Nouvelle Air Affaires Gabon (SN2AG)**

(75) L-SN2AG talab biex jinstema' mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru, u nstema' fil-25 ta' Marzu 2009. Il-Kummissjoni nnutat li dan it-trasportatur wettaq aktar organizzazzjoni mill-ġdid u li beda sensiela ta' azzjonijiet ta' rimedju biex ikun jista' javvanza fil-konformità mal-istandards internazzjonali. Il-Kummissjoni nnutat ukoll li fi Frar 2009 l-SN2AG kien soġġett għal verifika ta' ċertifikazzjoni mill-ġdid mill-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon. Wara l-verifika tal-għeluq tas-sejbiet kollha li rriżultaw minn din il-verifika, it-trasportatur reġa' nħariġlu AOC ġdid fi Frar 2009.

(76) Hemm evidenza vverifikata li għad m'hemmx konformità ma' ċerti rekwiżiti tas-sikurezza tal-ICAO. Per eżempju, meta sar is-smigħ it-trasportatur kien għadu ma implimentax b'mod effikaċi l-Monitoraġġ tad-Dejta dwar it-Titjiriet meħtieġ għall-inġenju tal-ajru tat-tip Fokker 28-0100 (Fokker 100).

(77) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqas ta' trasparenza u ta' nuqqas ta' komunikazzjoni f'waqtha min-naħa tal-SN2AG bi tweġiba għall-inkjesti mill-Kummissjoni. L-SN2AG iddikjarat li ma kienet soġġetta għall-ebda rapport li juri nuqqasijiet serji identifikati minn spezzjonijiet fir-rampi mwettqa taħt il-Programm tal-Valutazzjoni tas-Sikurezza tal-Inġenji tal-Ajru Barranin ("Safety Assessment of Foreign Aircraft", SAFA), filwaqt li, fil-fatt, kienu ġew identifikati diversi nuqqasijiet minn Franza waqt l-ispezzjonijiet fir-rampa mwettqa taħt il-programm tas-SAFA ([2]).

(78) Konsegwentement, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-SN2AG għandu jibqa' fl-Anness A.

([1]) DGAC/F-2008-564, DGATR-2008-572.

([2]) DGAC/F-2007-1325, DGAC/F-2008-174.

(79) Madankollu, il-Kummissjoni hija lesta li terġa' teżamina l-qagħda ta' dan it-trasportatur fid-dawl ta' kwalunkwe żviluppi ġodda li jipprovdu biżżejjed evidenza li n-nuqqasijiet tas-sikurezza ġew indirizzati.

*Is-sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Gabon*

(80) Il-Kummissjoni tinnota li l-awtorità kompetenti l-ġdida tal-Gabon (l-"Agence Nationale de l'Aviation Civile", minn hawn 'il quddiem imsejħa l-ANAC) imwaqqfa mir-Repubblika tal-Gabon f'Lulju 2008 effettivament bdiet l-attivitajiet tagħha fit-23 ta' Jannar 2009. L-ANAC qiegħda fil-fażi inizjali tat-tkabbir tagħha u bħalissa qiegħda fil-proċess li tiżgura biżżejjed riżorsi finanzjarji u li tqabbad biżżejjed personal tekniku kwalifikat sabiex twettaq ir-responsabbiltajiet tagħha fir-rigward tal-ICAO b'mod effettiv.

(81) Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon għall-fatt li, minkejja żieda fl-attivitajiet ta' sorveljanza ta' dawn l-awtoritajiet, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fil-Gabon għadu qed juri riżultati ta' tħassib fl-ispezzjonijiet fir-rampa. L-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon ġew mistiedna jipprovdu kjarifiki u jieħdu l-miżuri meħtieġa, fejn xieraq.

(82) Il-Kummissjoni tinkoraġġixxi l-isforzi tal-awtoritajiet kompetenti tal-Gabon biex jirriformaw is-sistema tal-avjazzjoni ċivili u, b'mod partikolari, ċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid li għaddejja bħalissa tal-kumpaniji tal-ajru kollha sabiex tkun żgurata konformità sħiħa mal-istandards tas-sikurezza tal-ICAO. Il-Kummissjoni hija lesta li tqis żjara fuq il-post fi żmien xieraq biex tivverifika l-progress li jkun inkiseb effettivament.

**Trasportaturi bl-ajru mill-Ukraina**

*Motor Sich JSC Airlines*

(83) Hemm evidenza vverifikata ta' nuqqasijiet serji tas-sikurezza min-naħa tal-Motor Sich iċċertifikat fl-Ukraina. Dawn in-nuqqasijiet ġew identifikati minn Franza u minn stat tal-ECAC (it-Turkija) waqt spezzjonijiet fir-rampa mwettqa skont il-Programm tas-SAFA ([3]). Ir-repetizzjoni ta' dawn is-sejbiet fl-ispezzjonijiet turi nuqqasijiet sistematiċi tas-sikurezza.

(84) Fis-27 ta' Novembru 2008, l-awtoritajiet kompetenti tat-Turkija ddeċidew li jimponu projbizzjoni immedjata fuq l-operat ta' dan it-trasportatur.

(85) Il-Motor Sich wieġeb għall-inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili tat-Turkija billi indika d-deċiżjoni tiegħu li jwaqqaf l-operat tal-inġenju tal-ajru tat-tip AN-24 lejn dan l-Istat, kif fil-fatt ġara.

([3]) DGAC/F-2008-564, DGCATR-2008-512.

(86) Il-Motor Sich wieġeb f'perjodu ta' żmien xieraq għall-inkjesta mill-awtorità tal-avjazzjoni ċivili ta' Franza u ddikjara liema azzjonijiet korrettivi kienu ttieħdu mill-kumpanija wara l-kontroll fir-rampa li kien twettaq fit-12 ta' Marzu 2008 minn Franza Madankollu, din it-tweġiba ma kinitx adegwata għaliex it-trasportatur ma ppreżenta l-ebda materjal ta' evidenza li jappoġġaha.

(87) Il-Kummissjoni rċeviet tagħrif mill-awtoritajiet kompetenti tat-Turkija li wara spezzjoni mhux skedata tal-operatur, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ddeċidew li jirrevokaw l-AOC ta' dan l-operatur. Wara, dawn l-awtoritajiet iddeċidew li jawtorizzaw it-tkomplija tal-operazzjonijiet tal-Motor Sich lejn dan il-pajjiż b'xi limitazzjonijiet fuq l-operazzjonijiet tal-AN-24.

(88) Fis-16 ta' Marzu 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina wieġbu għal inkjesta mill-Kummissjoni dwar is-sorveljanza tas-sikurezza tal-Motor Sich, u ddikjaraw li l-AOC tat-trasportatur ġie rrevokat fit-22 ta' Jannar u li, malli t-trasportatur lesta l-azzjonijiet korrettivi, l-Amministrazzjoni tal-avjazzjoni tal-Istat awtorizzat it-tkomplija tal-operazzjonijiet għajr għall-inġenju tal-ajru tat-tip AN-24 fil-flotta tiegħu. La ssemmiet data rigward it-tali ħruġ ta' AOC bil-limitazzjonijiet u lanqas xi evidenza ta' spezzjoni tal-kumpanija biex ikun żgurat li r-rekwiżiti rilevanti tas-sikurezza qed jitħarsu għal kull parti tal-flotta. Fl-aħħar nett, skont il-korrispondenza msemmija qabel tal-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat, dawn l-awtoritajiet ġeddew l-AOC u b'hekk it-trasportatur tħalla jopera b'AN-24 wara li twettqu spezzjonijiet b'riżultati pożittivi li juru li t-trasportatur kien elimina n-nuqqasijiet ta' dan l-inġenju tal-ajru.

(89) It-tagħrif ipprovdut f'din il-korrispondenza ma jitqiesx bħala tweġiba adegwata għaliex it-tagħrif mibgħut fiha ma jikkorrispondix mat-tagħrif mibgħut mill-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina fit-2 ta' Frar 2009, skont liema tagħrif inħareġ l-AOC tal-Motor Sich Airlines fit-8 ta' Novembru 2008 b'validità sat-8 ta' Novembru 2010 u l-ispeċifikazzjonijiet tal-operazzjoni nħarġu fit-23 ta' Diċembru 2008 b'validità sat-8 ta' Novembru 2010.

(90) Il-Motor Sich talab li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009. Waqt il-preżentazzjoni tiegħu lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru, il-Motor Sich wera nuqqas ta' ħila li jindirizza n-nuqqasijiet tas-sikurezza nnutati minħabba nuqqas ta' trasparenza u ta' komunikazzjoni adegwata dwar l-operazzjonijiet tiegħu fil-Komunità.

(91) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina wrew nuqqas ta' ħila li jissorveljaw l-operazzjonijiet tat-trasportatur bl-ajru skont l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni ta' Chicago.

(92) Abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-Motor Sich ma wriex il-ħila li jieħu l-miżuri meħtieġa kollha biex ikun konformi mal-istandards rilevanti tas-sikurezza u għalhekk għandu jiġi inkluż fl-Anness A.

*Ukraine Cargo Airways*

(93) It-trasportatur Ukraine Cargo Airways (UCA) talab li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009.

(94) Abbażi tad-dokumentazzjoni ppreżentata mill-kumpanija lill-Kummissjoni fis-16 ta' Marzu 2009 hemm evidenza li l-kumpanija wettqet miżuri biex tirranġa n-nuqqasijiet li kienu ġew innutati qabel fuq l-inġenji tal-ajru tagħha li joperaw fil-Komunità. Skont it-tagħrif imressaq mill-kumpanija, l-UCA twettqitilha verifika mill-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina f'Novembru 2008. Wara din il-verifika, l-AOC tagħha ġġedded għal perjodu ta' sentejn sa Novembru 2010. Madankollu, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tagħrif mingħand l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina dwar il-verifika li wettqu qabel ma ġeddu l-AOC tat-trasportatur u r-riżultati tagħha.

(95) Barra minn hekk, it-trasportatur iddikjara fil-preżentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru li rċieva konferma bil-miktub minn diversi Stati Membri li n-nuqqasijiet tas-sikurezza nnutati mill-awtoritajiet tal-ispezzjoni ta' dawn l-Istati Membri kienu ġew indirizzati b'mod adegwat mill-UCA. Madankollu, bl-eċċezzjoni ta' Stat Membru wieħed u dwar l-operazzjoni ta' inġenju tal-ajru wieħed tat-tip AN-12 li tneħħa mill-AOC, id-dikjarazzjonijiet tal-UCA ma ġewx affermati mill-Istati Membri l-oħra konċernati.

(96) Il-Kummissjoni tqis li sabiex tivvaluta bis-sħiħ il-ħila tat-trasportatur li jistabbilixxi pjan xieraq ta' azzjoni korrettiva u li jimplimentah b'mod effikaċi jeħtieġ li twettaq żjara fuq il-post. Sfortunatament, it-tali żjara ma setgħetx issir qabel il-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru tal-24 ta' Marzu 2009 minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina. Waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru tal-24 ta' Marzu 2009, l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina esprimiet ir-rieda tagħha li tilqa' din iż-żjara mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi dwar kwalunkwe modifika għall-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq it-trasportatur abbażi tal-evidenza miġbura matul din iż-żjara li għad trid issir.

(97) Abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li, f'dan l-istadju, dan it-trasportatur ma jistax jitneħħa mill-Anness A.

*Ukrainian Mediterranean Airlines*

(98) It-trasportatur Ukrainian Mediterranean Airlines (UMAir) talab li jinstema' mill-Kummissjoni u mill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru u nstema' fl-24 ta' Marzu 2009.

(99) Abbażi tad-dokumentazzjoni ppreżentata mill-kumpanija lill-Kummissjoni fis-16 ta' Ottubru 2008, hemm evidenza li l-kumpanija wettqet miżuri biex tirranġa n-nuqqasijiet li kienu ġew innutati qabel fuq l-inġenji tal-ajru tagħha li joperaw fil-Komunità.

(100) Fil-5 ta' Novembru 2008, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina bagħtu ittra lill-Kummissjoni li fiha ddikjaraw li l-validità tal-AOC tat-trasportatur tal-ajru ttawlet sal-15 ta' Diċembru 2008, sakemm tintemm il-proċedura biex wara dik id-data jiġġedded għal perjodu ta' sentejn sal-15 ta' Diċembru 2010. Ma' din l-ittra bagħtu wkoll dokument li kien fih l-att ta' ċertifikazzjoni tal-UMAir wara verifika li twettqet fil-31 ta' Ottubru 2008. Madankollu, la l-kumpanija u lanqas l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ma ppreżentaw ir-rapport tal-verifika għall-ħruġ tal-AOC tat-trasportatur.

(101) Barra minn hekk, it-trasportatur iddikjara, fil-preżentazzjoni tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru, li implimenta l-miżuri meħtieġa biex jissolvew in-nuqqasijiet kollha tas-sikurezza li kienu wasslu biex tiġi imposta l-projbizzjoni fuq l-operat tiegħu f'Settembru 2007.

(102) Il-Kummissjoni tqis li sabiex tivvaluta bis-sħiħ il-ħila tat-trasportatur li jistabbilixxi pjan xieraq ta' azzjoni korrettiva u li jimplimentah b'mod effikaċi jeħtieġ li twettaq żjara fuq il-post. Sfortunatament, it-tali żjara ma setgħetx issir qabel il-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru tal-24 ta' Marzu 2009 minħabba nuqqas ta' kooperazzjoni min-naħa tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina. Waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru tal-24 ta' Marzu 2009, l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina esprimiet ir-rieda tagħha li tilqa' din iż-żjara mill-Kummissjoni u mill-Istati Membri. Il-Kummissjoni se tiddeċiedi dwar kwalunkwe modifika għall-projbizzjoni fuq l-operat imposta fuq it-trasportatur abbażi tal-evidenza miġbura matul din iż-żjara.

(103) Abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li, f'dan l-istadju, dan it-trasportatur ma jistax jitneħħa mill-Anness A.

*Sorveljanza ġenerali tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru mill-Ukraina*

(104) Il-Kummissjoni ġibdet l-attenzjoni tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina għall-fatt li, minkejja żieda fl-attivitajiet ta' sorveljanza ta' dawn l-awtoritajiet, il-monitoraġġ tal-prestazzjoni tat-trasportaturi bl-ajru liċenzjati fl-Ukraina għadu qed juri riżultati ta' tħassib fl-ispezzjonijiet fir-rampa. Waqt il-laqgħa tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru f'Novembru 2008, l-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina ġew mistiedna jipprovdu kjarifiki u jieħdu l-miżuri neċessarji; barra minn hekk, dawn l-awtoritajiet kienu qablu li jiġu soġġetti għal valutazzjoni tas-sikurezza li kellha tiġi organizzata mill-Kummissjoni flimkien mal-Istati Membri. Madankollu, l-Amministrazzjoni tal-Avjazzjoni tal-Istat tal-Ukraina ma ppreżentatx lill-Kummissjoni r-rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva stabbilit biex jittejjeb u jissaħħaħ l-eżerċizzju tas-sorveljanza tas-sikurezza fl-Ukraina, li hija meħtieġa tibgħat kull 3 xhur skont ir-Regolament (KE) Nru 715/2008 ([1]).

(105) Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti wrew nuqqas ta' kooperazzjoni fit-tħejjija ta' din iż-żjara ta' valutazzjoni, hekk kif muri min-nuqqas ta' preżentazzjoni tad-dokumentazzjoni meħtieġa dwar l-ajrunavigabbiltà u mir-rifjut tal-programm taż-żjara propost mill-Kummissjoni. Konsegwentement, il-Kummissjoni kellha tħassar iż-żjara ta' valutazzjoni tas-sikurezza li kienet prevista mid-9 sat-13 ta' Frar 2009.

(106) Il-Kummissjoni tinnota d-dikjarazzjonijiet tal-awtoritajiet kompetenti tal-Ukraina li fihom jaqblu li jirċievu żjara konġunta mill-Kummissjoni, l-Istati Membri u l-EASA u li fihom jikkonfermaw mill-ġdid ir-rieda tagħhom li jikkooperaw biex tiġi organizzata b'suċċess it-tali valutazzjoni tas-sikurezza sabiex juru l-ħila tagħhom li jwettqu s-sorveljanza tat-trasportaturi kollha liċenzjati fl-Ukraina f'konformità sħiħa mar-rekwiżiti applikabbli tal-ICAO.

**Bangkok Airways**

(107) Tim ta' esperti Ewropej wettaq missjoni ta' tfittxija għall-fatti fir-Renju tat-Tajlandja mill-10 sat-13 ta' Marzu 2009 sabiex jikseb tagħrif fattwali dwar il-livell attwali tas-sikurezza tal-istandards operattivi tat-trasportatur Bangkok Airways, kif ukoll dwar l-attivitajiet ta' sorveljanza mwettqa mid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Ċivili Tajlandiż ("Department of Civil Aviation", DCA) fuq it-trasportatur bl-ajru. B'mod partikolari, l-għan tal-missjoni kien li jiġi deċiż jekk xi inġenju tal-ajru tat-trasportatur kienx qed jiġi operat mit-trasportatur Siem Reap Airways International, liċenzjat mill-awtoritajiet kompetenti tar-Renju tal-Kambodja, u li, bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1131/2008 tal-14 ta' Novembru 2008 ([2]), ġie inkluż fl-Anness A tal-lista Komunitarja.

(108) Ir-rapport juri li bħalissa t-trasportatur bl-ajru għandu l-kontroll reali tal-operazzjonijiet tiegħu, u li l-membri kollha tal-personal huma liċenzjati kif suppost mill-awtoritajiet kompetenti tat-Tajlandja. Barra minn hekk, juri li d-DCA Tajlandiż qiegħed iwettaq attivitajiet adegwati ta' sorveljanza fuq it-trasportatur. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li, abbażi tal-kriterji komuni, f'dan l-istadju mhija meħtieġa l-ebda azzjoni ulterjuri.

**Trasportaturi bl-Ajru mill-Kambodja**

(109) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja għarrfu lill-Kummissjoni li qegħdin javvanzaw fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni li għandu l-għan li jsolvi n-nuqqasijiet identifikati mill-ICAO fl-aħħar rapport tiegħu tal-USOAP, u qegħdin jiffukaw b'mod partikolari fuq dawk in-nuqqasijiet marbuta mal-operazzjonijiet bl-ajru, sabiex jiżguraw li s-sorveljanza tas-sikurezza tat-trasportaturi bl-ajru fil-Kambodja tkun konformi mal-istandards tal-ICAO.

([1]) ĠU L 197, 25.7.2008, p. 36.
([2]) ĠU L 306, 15.11.2008, p. 47.

(110) L-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja għarrfu lill-Kummissjoni li ssospendew l-AOC tat-trasportaturi bl-ajru li ġejjin: is-Siem Reap Airways International f'Diċembru 2008 u l-Cambodia Angkor Airways fi Frar 2009. Ikkonfermaw ukoll li l-AOCs kollha li nħarġu, issa jew ġew irrevokati jew sospiżi, bl-eċċezzjoni ta' dawk tal-Helicopter Cambodia u tas-Sokha Airlines.

(111) Is-Siem Reap Airways International applika għat-tneħħija tas-sospensjoni tal-AOC tiegħu. Madankollu, minħabba li l-awtoritajiet kompetenti tal-Kambodja ddikjaraw li għadhom ma lestewx l-evalwazzjoni tal-konformità mar-rekwiżiti applikabbli, it-trasportatur bl-ajru għandu jibqa' fl-Anness A.

**Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika Demokratika tal-Kongo**

(112) Permezz tal-ittra tal-4 ta' Marzu 2009, id-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo għarraf lill-Kummissjoni li ċerti kumpaniji tal-ajru elenkati fl-Anness A tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1131/2008 ma għadhomx joperaw u li t-trasportaturi li ġejjin ingħataw AOC: Air Katanga, Busy Bee Congo, Entreprise World Airways (EWA), Gilembe Air Soutenance (Gisair), Kin Avia, Swala Aviation. Dawk it-trasportaturi li għadhom qed joperaw is-servizzi tal-ajru se ssirilhom evalwazzjoni bil-għan li jiġġeddulhom l-AOCs.

(113) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, l-Anness A tal-lista Komunitarja għandu jiġi aġġornat skont dan, sabiex jinkludi 'l dawk it-trasportaturi bl-ajru li ngħatalhom AOC mill-awtortitajiet kompetenti tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo. Madankollu, fin-nuqqas ta' evidenza li turi r-revoka, it-tħassir jew iċ-ċediment tal-AOC ta' dawk it-trasportaturi bl-ajru li ma għadhomx joperaw, l-ebda wieħed minnhom ma jista' jitneħħa mil-lista Komunitarja.

(114) Barra minn hekk, fl-ittra tiegħu, id-Direttur Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo talab ukoll lill-Kummissjoni biex tneħħi lit-trasportatur Hewa Bora mill-Anness A u tqiegħdu fl-Anness B sabiex jitħalla jerġa' jibda jopera fuq ir-rotta bejn Kinshasa u Brussell b'inġenju tal-ajru wieħed tat-tip Boeing 767 bil-marki tar-reġistrazzjoni 9Q-CJD. Minħabba li ma ngħatat l-ebda evidenza li l-operatur u l-awtorità responsabbli għas-sorveljanza regolatorja u tas-sikurezza huma konformi mal-istandards rilevanti tas-sikurezza, f'dan l-istadju ma tista' tittieħed l-ebda deċiżjoni u, konsegwentement, il-Hewa Bora Airways għandu jibqa' fl-Anness A.

**Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Angola**

(115) L-awtoritajiet kompetenti tal-Angola talbu lill-Kummissjoni u lill-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru biex iressqu rapport dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva li fasslu biex jindirizzaw in-nuqqasijiet tas-sikurezza nnutati mill-ICAO fil-qafas tal-Programm tiegħu tal-Verifika Universali tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("Universal Safety Oversight Audit Programme", USOAP). Fil-preżentazzjoni tagħhom fis-26 ta' Marzu 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Angola ppreżentaw l-organizzazzjoni, l-istruttura u l-personal fl-awtorità, il-ħruġ tal-istandards fl-oqsma tal-liċenzji u tat-taħriġ tal-persunal, tal-operazzjonijiet tal-inġenji tal-ajru u tal-ajrunavigabbiltà, b'mod partikolari fir-rigward tal-bidliet fil-leġislazzjoni primarja u f'dik dwar l-avjazzjoni ċivili. F'dan ir-rigward, diġà varaw il-proċess taċ-ċertifikazzjoni mill-ġdid tat-trasportaturi kollha stabbiliti fl-Angola. Barra minn hekk, l-awtoritajiet kompetenti avżaw dwar il-bidliet fil-leġislazzjoni tagħhom dwar l-investigazzjoni tal-inċidenti.

(116) L-awtoritajiet kompetenti tal-Angola ddikjaraw ukoll li t-trasportatur TAAG kompla jġarrab bidliet sinifikanti f'livelli varji inklużi: bidliet operattivi, bidliet fil-ġestjoni, fil-kwalità u fir-razzjonalizzazzjoni tal-ispejjeż.

(117) Il-Kummissjoni tinnota r-rapport dwar il-progress imressaq mill-awtoritajiet kompetenti tal-Angola u se teżamina l-qagħda tat-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Angola fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru.

**Trasportaturi bl-ajru mir-Repubblika tal-Indoneżja**

(118) Wara l-adozzjoni tal-Liġi l-ġdida dwar l-Avjazzjoni fit-12 ta' Jannar 2009, l-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja bagħtu lill-Kummissjoni r-Regolamenti dwar is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili ("Civil Aviation Safety Regulations", CASRs) applikabbli u l-materjal ta' gwida, kif ukoll aġġornament dettaljat dwar il-progress fl-implimentazzjoni tal-pjan ta' azzjoni korrettiva mmirat biex jindirizza s-sejbiet li tqajmu mill-ICAO fil-qafas tal-Programm tiegħu tal-Verifika Universali tas-Sorveljanza tas-Sikurezza ("Universal Safety Oversight Audit Program", USOAP).

(119) Fuq talba tad-Direttorat Ġenerali tal-Avjazzjoni Ċivili Indoneżjan ("Directorate General for Civil Aviation", DGCA), mit-23 sas-27 ta' Frar 2009, tim ta' esperti Ewropej wettaq żjara ta' tfittxija għall-fatti fl-Indoneżja. F'dan il-qafas, erba' trasportaturi bl-ajru (Garuda Indonesia, Mandala Airlines, Airfast Indonesia, u Ekspres Transportasi Antarbenua) saritilhom żjara wkoll, sabiex tiġi vverifikata l-ħila tad-DGCA Indoneżjan li jiżgura s-sorveljanza tas-sikurezza tagħhom f'konformità mal-istandards rilevanti.

(120) Ir-rapport taż-żjara juri titjib konsiderevoli fl-istruttura u fil-personal tad-DGCA, li jidher li jippermetti lid-DGCA jwettaq il-ħidmiet regolatorji u superviżorji tiegħu b'mod xieraq. Madankollu, ir-rapport juri wkoll li, minkejja dan it-titjib, l-attivitajiet tas-sorveljanza f'dan l-istadju mhumiex qed jitwettqu b'mod sħiħ. Is-sistema attwali tal-attivitajiet tas-sorveljanza ma tippermettix segwitu adegwat tas-sejbiet li jitqajmu mid-DGCA dwar kwalunkwe trasportatur Indoneżjan. B'mod partikolari, jidher li bħalissa d-DGCA mhuwiex f'pożizzjoni li jsir jaf id-data mmirata għall-għeluq ta' sejba, id-data proprja tal-għeluq tagħha, u jekk tkunx ingħatat xi estensjoni għall-għeluq. Konsegwentement, f'dan l-istadju l-livell attwali tal-effikaċja tas-sorveljanza tad-DGCA fuq it-trasportaturi Indoneżjani jitqies li għadu mhux sodisfaċenti u li jeħtieġ li jitjieb.

(121) Il-Kummissjoni tinnota l-kontenut tad-differenzi mill-Anness 6 għall-Konvenzjoni ta' Chicago, li l-Indoneżja nnotifikat lill-ICAO fl-20 ta' Frar 2009. Dawn id-differenzi jinkludu n-nuqqas ta' implimentazzjoni ta' għadd ta' rekwiżiti tal-ICAO li jikkonċernaw l-Anness 6 li, f'xi każijiet, għandhom impatt dirett fuq is-sikurezza tal-operazzjonijiet tat-trasportaturi Indoneżjani. Madankollu, il-Kummissjoni tinnota wkoll li t-trasportaturi li saritilhom żjara mit-tim tal-esperti Ewropej (bi ftit eċċezzjonijiet li jikkonċernaw inġenji tal-ajru speċifiċi) huma mgħammra b'mod li jikkonforma mar-rekwiżiti tal-ICAO, fuq bażi volontarja.

(122) Abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li l-livell attwali tal-effikaċja tal-attivitajiet tas-sorveljanza mwettqa mid-DGCA ma jippermettix l-infurzar u r-rispett adegwat tal-istandards rilevanti tas-sikurezza mit-trasportaturi ċċertifikati fl-Indoneżja. Konsegwentement, f'dan l-istadju ma jista' jitneħħa l-ebda trasportatur Indoneżjan mil-lista Komunitarja. Il-Kummissjoni se tibqa' taħdem mill-qrib mal-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja bil-għan li terġa' tivvaluta l-effikaċja tal-attivitajiet tas-sorveljanza fil-laqgħa li jmiss tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru.

(123) L-awtoritajiet kompetenti tal-Indoneżja taw ukoll lill-Kummissjoni lista aġġornata tat-trasportaturi bl-ajru li għandhom AOC. Bħalissa, it-trasportaturi bl-ajru ċċertifikati fl-Indoneżja huma dawn li ġejjin: Garuda Indonesia, Merpati Nusantara, Kartika Airlines, Mandala Airlines, Trigana Air Service, Metro Batavia, Pelita Air Service, Indonesia Air Asia, Lion Mentari Airlines, Wing Adabi Nusantara, Riau Airlines, Transwisata Prima Aviation, Tri MG Airlines, Ekspress Transportasi Antar Benua, Manunggal Air Service, Megantara Airlines, Linus Airways, Indonesia Air Transport, Sriwijaya Air, Cardig Air, Travel Ekspress Aviation Service, Republic Expres Airlines, KAL Star, Airfast Indonesia, Sayap Garuda Indah, Survei Udara Penas, Nusantara Buana Air, Nyaman Air, Travira Utama, Derazona Air Service, National Utility Helicopter, Deraya Air Taxi, Dirgantara Air Service, SMAC, Kura-Kura Aviation, Gatari Air Service, Intan Angkasa Air Service, Air Pacific Utama, Transwisata Prima Aviation, Asco Nusa Air, Atlas Delta Satya, Pura Wisata Baruna, Penerbangan Angkasa Semesta, ASI Pudjiastuti, Aviastar Mandiri, Dabi Air, Balai Kalibrasi Penerbangan, Sampoerna Air Nusantara, Mimika Air, Alfa Trans Dirgantara, u Eastindo. Il-lista Komunitarja għandha tiġi aġġornata skont dan u dawn it-trasportaturi għandhom jiġu inklużi fl-Anness A.

**Kunsiderazzjonijiet ġenerali dwar it-trasportaturi l-oħra inklużi fl-Annessi A u B**

(124) Sa issa ma ġiet ikkomunikata l-ebda evidenza lill-Kummissjoni rigward l-implimentazzjoni sħiħa tal-azzjonijiet xierqa ta' rimedju mit-trasportaturi l-oħra inklużi fil-lista Komunitarja, kif aġġornata fl-14 ta' Novembru 2008, u mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tagħhom, minkejja li saru talbiet speċifiċi min-naħa tal-Kummissjoni. Għalhekk, abbażi tal-kriterji komuni, huwa vvalutat li dawn it-trasportaturi bl-ajru għandhom jibqgħu soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat (l-Anness A) jew għal restrizzjonijiet fuq l-operat (l-Anness B), skont il-każ.

(125) Il-miżuri pprovduti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat dwar is-Sikurezza tal-Ajru,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Ir-Regolament (KE) Nru 474/2006 huwa emendat kif ġej:

1. L-Anness A għandu jinbidel bl-Anness A għal dan ir-Regolament.

2. L-Anness B għandu jinbidel bl-Anness B għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.*

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 8 ta' April 2009.

*Għall-Kummissjoni*

Antonio TAJANI

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS A*

**LISTA TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET TAGĦHOM KOLLHA HUMA SOĠĠETTI GĦAL PROJBIZZJONI FIL-KOMUNITÀ** (1)

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| AIR COMPANY KOKSHETAU | AK-0357-08 | KRT | Ir-Repubblika tal-Każakstan |
| Air Koryo | Mhux magħruf | KOR | Ir-Repubblika Demokratika Popolari tal-Korea (RDPK) |
| Air West Co. Ltd | 004/A | AWZ | Ir-Repubblika tas-Sudan |
| Ariana Afghan Airlines | 009 | AFG | Ir-Repubblika Islamika tal-Afganistan |
| ATMA AIRLINES | AK-0372-08 | AMA | Ir-Repubblika tal-Każakstan |
| BERKUT AIR/BEK AIR | AK-0311-07 | BKT | Ir-Repubblika tal-Każakstan |
| EAST WING | AK-0332-07 | EWZ | Ir-Repubblika tal-Każakstan |
| MOTOR SICH | 025 | MSI | L-Ukraina |
| ONE TWO GO AIRLINES COMPANY LIMITED | 15/2549 | OTG | Ir-Renju tat-Tajlandja |
| SAYAT AIR | AK-0351-08 | SYM | Ir-Repubblika tal-Każakstan |
| SIEM REAP AIRWAYS INTERNATIONAL | AOC/013/00 | SRH | Ir-Renju tal-Kambodja |
| Silverback Cargo Freighters | Mhux magħruf | VRB | Ir-Repubblika tar-Rwanda |
| STARLINE KZ | AK-0373-08 | LMZ | Ir-Repubblika tal-Każakstan |
| UKRAINE CARGO AIRWAYS | 145 | UKS | L-Ukraina |
| UKRAINIAN MEDITERRANEAN AIRLINES | 164 | UKM | L-Ukraina |
| VOLARE AVIATION ENTREPRISE | 143 | VRE | L-Ukraina |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Angola respons- abbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AEROJET | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR26 | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR GEMINI | 02/2008 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| Air Gicango | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |

(1) It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness A jista' jingħatalhom il-permess li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku tagħhom billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur bl-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk tinżamm il-konformità mal-istandards rilevanti tas-sikurezza.

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| AIR JET | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| AIR NAVE | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| ALADA | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| ANGOLA AIR SERVICES | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| Diexim | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| GIRA GLOBO | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| HELIANG | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| HELIMALONGO | 11/2008 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| MAVEWA | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| RUI & CONCEICAO | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| SAL | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| SONAIR | 14/2008 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Angola |
| TAAG ANGOLA AIRLINES | 001 | DTA | Ir-Repubblika tal-Angola |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Benin responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Ir-Repubblika tal-Benin |
| AERO BENIN | PEA No 014/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Benin |
| AFRICA AIRWAYS | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Benin |
| ALAFIA JET | PEA No 014/ANAC/MDCTTTATP-PR/DEA/SCS | IGA | Ir-Repubblika tal-Benin |
| BENIN GOLF AIR | PEA No 012/MDCTTP-PR/ANAC/DEA/SCS. | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Benin |
| BENIN LITTORAL AIRWAYS | PEA No 013/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS. | BLA | Ir-Repubblika tal-Benin |
| COTAIR | PEA No 015/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS. | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Benin |
| ROYAL AIR | PEA No 11/ANAC/MDCTTP-PR/DEA/SCS | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Benin |
| TRANS AIR BENIN | PEA No 016/MDCTTTATP-PR/ANAC/DEA/SCS | TNB | Ir-Repubblika tal-Benin |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| Africa One | 409/CAB/MIN/TC/0114/2006 | CFR | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AFRICAN AIR SERVICES COMMUTER | 409/CAB/MIN/TVC/051/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIGLE AVIATION | 409/CAB/MIN/TC/0042/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR BENI | 409/CAB/MIN/TC/0019/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR BOYOMA | 409/CAB/MIN/TC/0049/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR INFINI | 409/CAB/MIN/TC/006/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR KASAI | 409/CAB/MIN/TVC/036/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR KATANGA | 409/CAB/MIN/TVC/031/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR NAVETTE | 409/CAB/MIN/TC/015/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| AIR TROPIQUES | 409/CAB/MIN/TVC/029/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| BEL GLOB AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0073/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| BLUE AIRLINES | 409/CAB/MIN/TVC/028/08 | BUL | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| BRAVO AIR CONGO | 409/CAB/MIN/TC/0090/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| BUSINESS AVIATION | 409/CAB/MIN/TVC/048/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| BUSY BEE CONGO | 409/CAB/MIN/TVC/052/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| BUTEMBO AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0056/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| CARGO BULL AVIATION | 409/CAB/MIN/TC/0106/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| CETRACA AVIATION SERVICE | 409/CAB/MIN/TVC/026/08 | CER | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| CHC STELLAVIA | 409/CAB/MIN/TC/0050/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| COMAIR | 409/CAB/MIN/TC/0057/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| COMPAGNIE AFRICAINE D'AVIATION (CAA) | 409/CAB/MIN/TVC/035/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| DOREN AIR CONGO | 409/CAB/MIN/TVC/0032/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| EL SAM AIRLIFT | 409/CAB/MIN/TC/0002/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| ENTREPRISE WORLD AIRWAYS (EWA) | 409/CAB/MIN/TVC/003/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| ESPACE AVIATION SERVICE | 409/CAB/MIN/TC/0003/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| FilaIR | 409/CAB/MIN/TVC/037/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| FREE AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0047/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| GALAXY KAVATSI | 409/CAB/MIN/TVC/027/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| GILEMBE AIR SOUTENANCE (GISAIR) | 409/CAB/MIN/TVC/053/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| GOMA EXPRESS | 409/CAB/MIN/TC/0051/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| GOMAIR | 409/CAB/MIN/TVC/045/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| GREAT LAKE BUSINESS COMPANY | 409/CAB/MIN/TC/0048/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| HEWA BORA AIRWAYS (HBA) | 409/CAB/MIN/TVC/038/08 | ALX | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| International Trans Air Business (ITAB) | 409/CAB/MIN/TVC/033/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| KATANGA AIRWAYS | 409/CAB/MIN/TC/0088/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| KIN AVIA | 409/CAB/MIN/TVC/042/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| KIVU AIR | 409/CAB/MIN/TC/0044/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| Lignes Aériennes Congolaises (LAC) | Firma ministerjali (l-ordinanza Nru 78/205) | LCG | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| MALU AVIATION | 409/CAB/MIN/TVC/04008 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| Malila Airlift | 409/CAB/MIN/TC/0112/2006 | MLC | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| MANGO AVIATION | 409/CAB/MIN/TVC/034/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| PIVA AIRLINES | 409/CAB/MIN/TC/0001/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| RWAKABIKA BUSHI EXPRESS | 409/CAB/MIN/TC/0052/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| SAFARI LOGISTICS SPRL | 409/CAB/MIN/TC/0076/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| SAFE AIR COMPANY | 409/CAB/MIN/TVC/025/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| SERVICES AIR | 409/CAB/MIN/TVC/030/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| SUN AIR SERVICES | 409/CAB/MIN/TC/0077/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| SWALA AVIATION | 409/CAB/MIN/TVC/050/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| TEMBO AIR SERVICES | 409/CAB/MIN/TC/0089/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| Thom's airways | 409/CAB/MIN/TC/0009/2007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| TMK AIR COMMUTER | 409/CAB/MIN/TVC/044/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| TRACEP CONGO AVIATION | 409/CAB/MIN/TVC/046/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| TRANS AIR CARGO SERVICES | 409/CAB/MIN/TVC/024/08 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| TRANSPORTS AERIENS CONGOLAIS (TRACO) | 409/CAB/MIN/TC/0105/2006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| VIRUNGA AIR CHARTER | 409/CAB/MIN/TC/018/2005 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| WIMBI DIRA AIRWAYS | 409/CAB/MIN/TVC/039/08 | WDA | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| ZAABU INTERNATIONAL | 409/CAB/MIN/TVC/049/09 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Demokratika tal-Kongo (RDK) |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Ginea Ekwatorjali responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Il-Ginea Ekwatorjali |
| Cronos AIRLINES | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Il-Ginea Ekwatorjali |
| CEIBA INTERCONTINENTAL | Mhux magħruf | CEL | Il-Ginea Ekwatorjali |
| EGAMS | Mhux magħruf | EGM | Il-Ginea Ekwatorjali |
| EUROGUINEANA DE AVIACION y transportes | 2006/001/MTTCT/DGAC/SOPS | EUG | Il-Ginea Ekwatorjali |
| General work aviacion | 002/ANAC | n/a | Il-Ginea Ekwatorjali |
| GETRA — Guinea Ecuatorial de Transportes Aereos | 739 | GET | Il-Ginea Ekwatorjali |
| GUINEA AIRWAYS | 738 | n/a | Il-Ginea Ekwatorjali |
| STAR EQUATORIAL AIRLINES | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Il-Ginea Ekwatorjali |
| UTAGE — Union de Transport Aereo de Guinea Ecuatorial | 737 | UTG | Il-Ginea Ekwatorjali |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Indoneżja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| AIR PACIFIC UTAMA | 135-020 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| AIRFAST INDONESIA | 135-002 | AFE | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| ALFA TRANS DIRGANTATA | 135-012 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| ASCO NUSA AIR TRANSPORT | 135-022 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| ASI PUDJIASTUTI | 135-028 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| ATLAS DELTA SATYA | 135-023 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| AVIASTAR MANDIRI | 135-029 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| BALAI KALIBRASI FASITAS PENERBANGAN | 135-031 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| CARDIG AIR | 121-013 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| DABI AIR | 135-030 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| DERAYA AIR TAXI | 135-013 | DRY | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| DERAZONA AIR SERVICE | 135-010 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| DIRGANTARA AIR SERVICE | 135-014 | DIR | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| EASTINDO | 135-038 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| EKSPRESS TRANSPORTASI ANTAR BENUA | 135-032 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| GARUDA INDONESIA | 121-001 | GIA | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| GATARI AIR SERVICE | 135-018 | GHS | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| INDONESIA AIR ASIA | 121-009 | AWQ | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| INDONESIA AIR TRANSPORT | 135-017 | IDA | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| INTAN ANGKASA AIR SERVICE | 135-019 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| KAL STAR | 121-037 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| KARTIKA AIRLINES | 121-003 | KAE | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| KURA-KURA AVIATION | 135-016 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| LION MENTARI ARILINES | 121-010 | LNI | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| LINUS AIRWAYS | 121-029 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| MANDALA AIRLINES | 121-005 | MDL | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| MANUNGGAL AIR SERVICE | 121-020 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| MEGANTARA AIRLINES | 121-025 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| MERPATI NUSANTARA AIRLINES | 121-002 | MNA | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| METRO BATAVIA | 121-007 | BTV | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| MIMIKA AIR | 135-007 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| NATIONAL UTILITY HELICOPTER | 135-011 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| NUSANTARA BUANA AIR | 135-041 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| NYAMAN AIR | 135-042 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| PELITA AIR SERVICE | 121-008 | PAS | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| PENERBANGAN ANGKASA SEMESTA | 135-026 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| PURA WISATA BARUNA | 135-025 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| REPUBLIC EKSPRESS | 121-040 | RPH | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| RIAU AIRLINES | 121-017 | RIU | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| SAMPOERNA AIR NUSANTARA | 135-036 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| SAYAP GARUDA INDAH | 135-004 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| SMAC | 135-015 | SMC | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| SRIWIJAYA AIR | 121-035 | SJY | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| SURVEI UDARA PENAS | 135-006 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| TRANSWISATA PRIMA AVIATION | 135-021 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| TRAVEL EKSPRESS AVIATION SERVICE | 121-038 | XAR | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| TRAVIRA UTAMA | 135-009 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| TRI MG INTRA AIRLINES | 121-018 | TMG | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| TRIGANA AIR SERVICE | 121-006 | TGN | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| WING ABADI NUSANTARA | 121-012 | WON | Ir-Repubblika tal-Indoneżja |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tar-Repubblika Kirgiża responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Ir-Repubblika Kirgiża |
| AIR MANAS | 17 | MBB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Avia Traffic Company | 23 | AVJ | Ir-Repubblika Kirgiża |
| AEROSTAN (EX Bistair-FEZ Bishkek) | 08 | BSC | Ir-Repubblika Kirgiża |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| Click Airways | 11 | CGK | Ir-Repubblika Kirgiża |
| DAMES | 20 | DAM | Ir-Repubblika Kirgiża |
| EASTOK AVIA | 15 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Golden Rule Airlines | 22 | GRS | Ir-Repubblika Kirgiża |
| ITEK Air | 04 | IKA | Ir-Repubblika Kirgiża |
| KYRGYZ TRANS AVIA | 31 | KTC | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Kyrgyzstan | 03 | LYN | Ir-Repubblika Kirgiża |
| MAX Avia | 33 | MAI | Ir-Repubblika Kirgiża |
| S GROUP AVIATION | 6 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Sky Gate International Aviation | 14 | SGD | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Sky Way air | 21 | SAB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Tenir Airlines | 26 | TEB | Ir-Repubblika Kirgiża |
| Trast Aero | 05 | TSJ | Ir-Repubblika Kirgiża |
| VALOR AIR | 07 | Mhux magħruf | Ir-Repubblika Kirgiża |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tal-Liberja responsabbli għas-sorveljanza regolatorja** | | | Il-Liberja |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet responsabbli għas-sorveljanza regolatorja tar-Repubblika tal-Gabon, bl-eċċezzjoni tal-Gabon Airlines u l-Afrijet, inklużi** | | | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| AIR SERVICES SA | 0002/MTACCMDH/SGACC/DTA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| AIR TOURIST (ALLEGIANCE) | 0026/MTACCMDH/SGACC/DTA | NIL | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| NATIONALE ET REGIONALE TRANSPORT (NATIONALE) | 0020/MTACCMDH/SGACC/DTA | NRT | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| NOUVELLE AIR AFFAIRES GABON (SN2AG) | CTA 0003/MTAC/ANAC-G/DSA | NVS | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| SCD AVIATION | 0022/MTACCMDH/SGACC/DTA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| SKY GABON | 0043/MTACCMDH/SGACC/DTA | SKG | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| SOLENTA AVIATION GABON | 0023/MTACCMDH/SGACC/DTA | Mhux magħruf | Ir-Repubblika tal-Gabon |

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) jew in-Numru tal-Liċenzja tal-Operat | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur |
|---|---|---|---|
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sjerra Leone responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Is-Sjerra Leone |
| AIR RUM, Ltd | Mhux magħruf | RUM | Is-Sjerra Leone |
| DESTINY AIR SERVICES, Ltd | Mhux magħruf | DTY | Is-Sjerra Leone |
| HEAVYLIFT CARGO | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Is-Sjerra Leone |
| ORANGE AIR SIERRA LEONE LTD | Mhux magħruf | ORJ | Is-Sjerra Leone |
| PARAMOUNT AIRLINES, Ltd | Mhux magħruf | PRR | Is-Sjerra Leone |
| SEVEN FOUR EIGHT AIR SERVICES LTD | Mhux magħruf | SVT | Is-Sjerra Leone |
| TEEBAH AIRWAYS | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Is-Sjerra Leone |
| **It-trasportaturi bl-ajru kollha ċċertifikati mill-awtoritajiet tas-Sważiland responsabbli għas-sorveljanza regolatorja, inklużi** | | | Is-Sważiland |
| AERO AFRICA (PTY) LTD | Mhux magħruf | RFC | Is-Sważiland |
| Jet Africa Swaziland | Mhux magħruf | OSW | Is-Sważiland |
| ROYAL SWAZI NATIONAL AIRWAYS CORPORATION | Mhux magħruf | RSN | Is-Sważiland |
| SCAN AIR CHARTER, Ltd | Mhux magħruf | Mhux magħruf | Is-Sważiland |
| SWAZI EXPRESS AIRWAYS | Mhux magħruf | SWX | Is-Sważiland |
| SWAZILAND AIRLINK | Mhux magħruf | SZL | Is-Sważiland |

*ANNESS B*

**LISTA TAT-TRASPORTATURI BL-AJRU LI L-OPERAZZJONIJIET TAGĦHOM HUMA SOĠĠETTI GĦAL RESTRIZZJONIJIET FUQ L-OPERAT FIL-KOMUNITÀ** (1)

| Isem l-entità legali tat-trasportatur bl-ajru kif indikat fuq l-AOC tiegħu (u l-isem kummerċjali tiegħu, jekk dan ikun differenti) | In-Numru taċ-Ċertifikat tat-Trasportatur bl-Ajru (l-AOC) | In-numru tal-identifikazzjoni tal-ICAO għal-linja tal-ajru | L-Istat tal-Operatur | It-tip ta' inġenju tal-ajru | Il-marka/i tar-reġistrazzjoni u, fejn disponibbli, in-numru/i tas-serje tal-kostruzzjoni | L-istat tar-reġistrazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| AFRIJET (1) | CTA 0002/MTAC/ANAC-G/DSA | | Ir-Repubblika tal-Gabon | Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': żewġ inġenji tal-ajru tat-tip Falcon 50; inġenju tal-ajru wieħed tat-tip Falcon 900 | Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': TR-LGV; TR-LGY; TR-AFJ | Ir-Repubblika tal-Gabon |
| Air Bangladesh | 17 | BGD | Il-Bangladexx | B747-269B | S2-ADT | Il-Bangladexx |
| Air Service Comores | 06-819/TA-15/DGACM | KMD | Il-Komoros | Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': LET 410 UVP | Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': D6-CAM (851336) | Il-Komoros |
| GABON AIRLINES (2) | CTA 0001/MTAC/ANAC | GBK | Ir-Repubblika Tal-Gabon | Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': inġenju tal-ajru wieħed tat-tip Boeing B-767-200 | Il-flotta kollha bl-eċċezzjoni ta': TR-LHP | Ir-Repubblika Tal-Gabon |

(1) It-trasportatur Afrijet jista' juża biss l-inġenji tal-ajru speċifiċi msemmija għall-operazzjonijiet attwali tiegħu fil-Komunità Ewropea.
(2) It-trasportatur Gabon Airlines jista' juża biss l-inġenji tal-ajru speċifiċi msemmija għall-operazzjonijiet attwali tiegħu fil-Komunità Ewropea.

(1) It-trasportaturi bl-ajru elenkati fl-Anness B jista' jingħatalhom il-permess li jeżerċitaw id-drittijiet tat-traffiku billi jużaw inġenji tal-ajru mikrijin bl-ekwipaġġ mingħand trasportatur bl-ajru li mhuwiex soġġett għal projbizzjoni fuq l-operat, dejjem jekk tinżamm il-konformità mal-istandards rilevanti tas-sikurezza.